MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2010

Numru. 1153/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**KONTRA**

**ANTHONY ABELA ta' 52 sena, iben Carmelo u Melita nee' Gauci, imwieled Tal-Pieta' nhar il-21.06.1958, bla indirizz fiss, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 440358M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **ANTHONY ABELA** li gie akkuzat talli nhar l-4 ta' Novembru, 2010, ghall-habta tas-1pm, gewwa l-fond numru 10, Qasar ill-Hsad, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Ta' Xbiex:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema

delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku gie esegwit kien ikun delitt ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok, ghad-detriment tas-Sinjura Vincenza Costantino u/jew ta' persuna/i ohra;

2. U aktar talli fl-istess fond, volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hgiega ta' tieqa ta' barra, liema hsara ma tiskorrix it-tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu €23.29), liema hsara saret ghad-detriment ta' Vincenza Costantino u/jew persuna/i ohra;

3. U aktar talli kiser il-provvediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' sentenza definittiva datata 22 ta' Settembru, 2009, fejn l-istess Anthony Abela kien instab hati ta' serq u kien gie mpoggi that ordni ta' Probation ghal zmien sentejn;

4. U finalment talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'ghadd ta' sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat fl-istadju ta' l-interrogatorju waqt il-prezentata b'arrest, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jerga' jahseb fuq l-istess;

Rat id-dokumenti ezebiti, specjalment il-fedina penali ta' l-imputat.

Rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 278, 279, 280, 325, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat Anthony Abela hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u qieghda ghaldaqstant tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' sena (1) u erba' (4) xhur, u dan wara li rat l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti qieghda taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Habs sabiex Anthony Abela jinghata kull ghajnuna sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga u tal-alcohol.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------